# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tat-3 ta' Gunju 2021

**Rikors Numru : 216/2018/5 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**RB**

**Vs**

**RMB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur RB, datat 31 ta' Ottubru 2019, a fol 2 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn Dicembru 2017 u ma hemmx prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi l-esponenti jixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet tigi terminate f'dan l-istadju.*

*Illi l-ebda wiehed u wahda mil-partijiet ma hija ser tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel ma tinghata s-sentenza tal-firda.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kodici Civili prevja ovvjament riserva tad-drittijiet*

*tal-partijiet rigwardanti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti sal-mument tat-terminazzjoni taghha.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RMB, datata 20 ta' Novembru 2019, a fol 7, li taqra hekk:

*Illi l-eccipjenti m'ghandha l-ebda oggezzjoni sabiex il-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi tterminata f'dan l-istadju purche' d-drittijiet taghha rigwardanti l-kommunjoni ta' l-akkwisti sad-data tat-terminazzjoni jibqghu preservati u dana primarjament billi l-attur jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti sabibiex jipprezenta b'nota gurametnata l-assi kollha tal-kommunjoni li jinsabu barra minn Malta qabel ma tigi ppronunzja s-sentenza. Illi l-eccipjenti wisq tibza illi jekk ix-xoljiment jigi ppronunzjat qabel ma jigu zvelati l-asssi kollha tal-kommunjoni li jinstabu barra minn Malta, se jkun wisq difficli u prattikament impossibbli ghaliha sabiex tistabilixxi l-assi tal-kommunjoni li jinsabu barra minn Malta.*

*Dan ikun jikkostitwixxi pregudizzju fil-konfront tal-eccipjenti skond l-artikolu 55(4) tal-Kap 16.*

*Illi ghaldaqstant, ghalkemm di principio hija m'ghandhiex oggezzjoni ghat-talba attrici, tali non oggezzjoni hija bbazata biss fuq il-premessa kollha li dina l-Onorabbli Qorti tordna lill-attur jipprezenta b'nota guramentata lista estensiva ta' l-assi kollha tal-partijiet, mobbli (li jinkludu izda mhux limitatament ghal bank statements kompleti, kif ukoll lista ta' kull investiment inkluz ishma, bonds, u polza t'assikurazzjoni fuq il-hajja f'isem l-attur) jew immobbli li jinsabu barra minn Malta.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza u li l-partijiet hadu konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal- 4 ta' Dicembru 2020 fejn il-partijiet iddikjaraw quddiem din il-Qorti, illi ma ghandhomx trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu ghar-rigward u illi ser jistriehu fuq

ir-rikors u risposta ppresentati; (vide fol 25 et seqq.)

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Jannar 2021;

Rat id-digriet taghha datat 25 ta' Frar 2021;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Gunju 2021;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-attur permezz ta' rikors datat 31 ta' Ottubru 2019 fejn talab lil din il-Qorti tordna il-waqfien tal-komujoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili.

Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "***Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.***"

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> ***"Qabel tordna il-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda".***

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> "***In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-***

> ***talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.***"

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

Permezz tar- risposta datata 20 ta' Novembru 2019, l-intimata, wara li ddikjarat dak premess, irrimettiet ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti in kwantu d-drittijiet taghha relattivi ghall-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, jibqghu impregudikati.

Il-Qorti tosserva illi filfatt ir-retroattivita ta' sentenza ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti lanqas biss huwa permess mill-ligi, kif jidher mill-Artikolu 55 (3) tal-Kodici Civili illi jipprovdi espressament li ***"[l]- ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell…"***

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu u in vista tan-nuqqas, finalment, ta' opposizzoni da parti

tal-intimata, il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda ostakolu sabiex it-talbiet tal-attur jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikoli 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attur ai termini tal-Artikolu 55 (6) tal-Kodici Civili.**

**Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**